9 ta' Frar, 2010

L-Onor John Dalli
Ministru tal-Politika Soċjali
Kamra tad-Deputati
VALLETTA

***Għażiż John***

Ngħarrfek li s-Sedja rċeviet l-ittra tiegħek li permezz tagħha qed tirriżenja mill-post tiegħek fil-Parlament kif jitlob l-Artikolu 55(1)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta wara li aktar kmieni llum il-Parlament Ewropew approva l-ħatra prestiġjuża tiegħek bħala Kummissarju tal-Unjoni Ewropea. L-ittra ta' riżenja tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Nibda biex l-ewwelnett nifraħlek u nawguralek għal din il-kariga ġdida fl-ogħla livell ta' waħda mill-istituzzjonijiet ewlenin Ewropej, il-Kummissjoni. Filwaqt li napprezza l-piż tar-responsabbilitajiet ġodda li qed tassumi fuq livell Ewropew, ninsab fiduċjuż li fik aħna ċ-ċittadini Ewropej ser insibu politiku li jassigura żviluppi, titjib u ħarsien fil-qasam hekk importanti tas-saħħa u d-drittijiet tal-konsumatur. Naf ukoll li ser tagħmel ġieħ lilna lkoll u tgħolli isem pajjiżna fi ħdan l-Unjoni Ewropea u fost il-komunità internazzjonali.

Min-naħa l-oħra l-ittra tiegħek qed iġġib fi tmiemha karriera twila u distinta ta' servizz bħala Membru f'din il-Kamra. Fit-tlieta u għoxrin sena mill-ewwel darba li ħadt il-ġurament tiegħek ta' Membru jiena rajtek taqdi d-dmirijiet tiegħek hawnhekk b'enerġija, intelliġenza u ħila fl-istess waqt li urejt kull rispett u stima lejn il-Kamra u l-Membri kollha tagħha. Minħabba l-ħidma flimkien tul dan il-perjodu, jiena naf li, fid-diversi karigi Ministerjali li ġejt fdat bihom, inti ħdimt b'fejda kbira fl-interess tal-poplu tagħna u biex il-poplu Malti u Għawdxi jsaħħaħ l-identità u jwettaq l-aspirazzjoni li jtejjeb l-għixien tiegħu f'kull qasam fit-tgawdija ta' libertà, demokrazija u ġustizzja soċjali. Naf li dawn huma kollha ħwejjeġ li inti ser tkompli tirsisti għalihom kull fejn tkun.

Għal dan kollu f'isem il-Kamra tad-Deputati rrid rrod ħajr fuq kollox lilek, imma imbagħad ukoll lil martek Josette u l-uliedek li tawk l-appoġġ kollu tal-familja biex inti stajt taffaċċa ħajja politika hekk dinamika u twila.

Bl-isbaħ xewqat għal suċċess fil-ħidma ġdida tiegħek.

***Dejjem tiegħek***

***Louis***

LOUIS GALEA
Speaker